MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 4/2006

**Maltacom plc**

**vs**

**Francis Buttigieg**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm182.64) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21560295 (A/C 10219858), liema servizz gie installat fil-fond bl-isem "Honeycomb" Nadur Road, Qala, Ghawdex, skond kif jidher mid-dokument hawn anness u immarkat bhala dokument "A".

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-itta ufficjali Nru 750/05 prezentata fil-21 ta' Ottubru 2005, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"Nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut:

Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-kontijiet meritu ta' dina l-kawza jirrigwardaw telefonati li saru minn persuni ohrajn u dana anke kif rappurtat diversi drabi mill-konvenut stess lill-istess socjeta attrici;
2. Illi l-istess socjeta' attrici naqset milli tiehu kwalunkwe passi u ghalhekk kwalunkwe telefonati li saru m'ghandhomx issa jkunu mputabbli lill-konvenut
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti socjeta' attrici tinsab ngunta."

Ikkunsidra

Illi mill-provi mressqa mill-Maltacom plc. huwa eskluz ghal kollox li sar tempering tal-linja, kif qieghed jallega l-konvenut.  Ghal dan il-ghan, il-kumpannija, wara l-ilmenti tal-konvenut, li kien subscriber taghha, bghatet persuni teknici esperti fuq il-post.  Il-konvenut jilqa' ghal dan billi gieb bhala  xhud wahda mill-girien tieghu li rat lil persuna ta' nazzjonalita' barranija tmiss il-kaxxa tal-Maltacom li qieghdha sular gholi u biswit it-terrazzin tieghu.  Pero' dan il-kaz sehh fil-bidu t'Awwissu 2004 – kif il-konvenut innifsu jammetti (vide fol 45 tal-process) -  mentri t-telefonati li dwarhom hem mil-kwistjoni saru f'Mejju 2003. Il-konvenut jghid li kien ghamel complaint anke fit-2003 meta kien sema xi nies jidhadtu fuq it-telefon tieghu, u

huwa cempel dritt lill-Maltacom li min-naha tieghu qalulu li kien impossibbli dak li kien qieghed jallega l-konvenut. Fin-nuqqas ta' korroborazzjoni ta' dak allegat mill-konvenut, dan it-Tribunal ma jistax jilqa' l-eccezzjoni tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM182.64 ammont dovut in konnessjoni ma' servizz tat-telefon 21560295 bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv. Spejjez inkluzi tal-ittra ufficcjali tal-21.10.2005 a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------